IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2018
COM(2018) 687 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Previżjoni fuq terminu twil ta' flussi ta' dħul u flussi ta' ħruġ futuri tal-baġit tal-UE (2019-2023)**

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jipprovdi previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ li tkopri l-ħames snin li ġejjin (2019–2023) kif meħtieġ mill-Artikolu 247(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju[1]. L-analiżi tqis il-prinċipji u t-termini stabbiliti fl-abbozz ta' Ftehim ta' Ħruġ[2] bejn l-UE u r-Renju Unit. Din ma tivvalutax l-impatt fuq il-previżjoni fit-tul tal-falliment biex tikkonkludi jew tirratifika l-Ftehim ta' Ħruġ.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-previżjoni jkopri l-elementi tal-oqfsa finanzjarji attwali u ta'dawk li jmiss. Huwa bbażat fuq il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2019 u l-2020 kif inkluż fl-Abbozz ta' Baġit 2019 u l-ipprogrammar finanzjarju tiegħu għall-2020. Għas-snin 2021–2023 huma kkunsidrati l-impenji ppreżentati fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP)[3].

Informazzjoni ġdida, wara l-proposta tal-QFP tat-2 ta' Mejju 2018, hija riflessa wkoll kif ġej: Il-previżjonijiet aġġornati tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014–2020[4] (Fondi SIE) ipprovduti sal-31 ta' Lulju 2018; emendi għall-baġit tal-2018 (jiġifieri l-Abbozzi tal-Baġits Emendatorji Nru 5[5] u r-riżultati tal-eżerċizzju ta' trasferiment globali) u l-Ittra ta' Emenda Nru 1 għall-Abbozz tal-Baġit 2019. L-inizjattivi mħabbra fit-12 ta' Settembru 2018[6] biex ikomplu jsaħħu l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija Ewropea għall-Ażil, tqiesu wkoll.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-PREVIŻJONI

### 2.1. Pagamenti

#### 2.1.1. Pagamenti sa tmiem il-QFP attwali (2019–2020)

Għas-sena 2019, il-pagamenti jsegwu tal-livelli proposti fl-Abbozz ta' Baġit 2019, (inkluża l-Ittra ta' Emenda Nru.1). Il-pagamenti għall-2020 ġew ivvalutati b'kont meħud tal-implimentazzjoni fl-2014–2017 u l-ewwel nofs tal-2018, l-informazzjoni magħmula disponibbli fiż-żmien tat-tħejjija tal-Abbozz ta' Baġit 2019, kif ukoll il-previżjonijiet aġġornati tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Fondi SIE 2014–2020. Għall-aħħar sena tal-QFP attwali, huwa mistenni li l-programmi ta' nfiq kollha se jilħqu ritmu tajjeb. Il-parti l-kbira tal-programmi 2007–2013 taħt il-politika ta' koeżjoni huma mistennija jingħalqu sa tmiem l-2019.

#### 2.1.2. Pagamenti fil-QFP li jmiss (2021–2023)

Il-previżjoni tal-pagamenti fl-2022–2021 jiżguraw li jkunu kompatibbli mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1.20 % tal-ING tal-UE. Filwaqt li l-Kummissjoni pproponiet li żżid il-limitu

---

[1] Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu, ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tat-30 ta' Lulju 2018.
[2] TF50(2018)33 - Kummissjoni għall-UE 27, it-28 ta' Frar 2018
[3] COM(2018)321 sa 328 tat-02.05.2018.
[4] Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).
[5] COM(2018) 537 tal-10 ta' Lulju 2018

massimu tar-Riżorsi Proprji biex jittieħed kont tal-bażi tal-ING għal 27 Stat Membru, il-livell attwali xorta jista' jkun applikabbli minħabba proċess ta' ratifika twil tad-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji.

Fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2021–2022) nofs il-pagamenti (51 %) se jkopru l-impenji pendenti tal oqfsa finanzjarji preċedenti (RAL għal "*Reste à liquider"*). Aktar minn 35 % tal-pagamenti se jkopru approprjazzjonijiet mhux differenzjati fejn il-pagamenti jsegwu immedjatament l-impenji (jiġifieri l-1 Pilastru tal-Politika Agrikola Komuni, l-infiq taħt l-Intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea", is-sussidju lil aġenziji deċentralizzati). L-14 % li jifdal jirriżultaw mit-tnedija tal-ġenerazzjoni ġdida ta' programmi ta' nfiq.

Mill-2023, aktar minn nofs l-impenji pendenti tal-perjodu qabel l-2021 se jkunu mħallsa u b'hekk is-sehem ta' pagamenti fuq impenji ta' qabel l-2021 se jonqos. B'mod parallel, li l-implimentazzjoni tal-programmi għall-2021–2027 hija mistennija li tidħol b'veloċità kostanti b'żieda sostanzjali fil-livelli ta' pagamenti fl-2023 meta mqabbel mal-ewwel sentejn tal-bidu (68 % tal-pagamenti totali, żieda minn 45 % fl-2021).

### 2.1.3. Diżimpenji

L-ammont globali ta' previżjoni ta' diżimpenji għall-2019–2023 huwa ta' EUR 6,4 biljun. Madwar żewġ terzi tad-diżimpenji huma relatati mal-programmi tal-perjodu 2014–2020 (EUR 4,3 biljun) filwaqt li d-diżimpenji tar-RAL li joriġinaw qabel l-2014 qed jitneħħew gradwalment bħal fil-każ tal-pagamenti fuq ir-RAL. L-ebda diżimpenn m'huwa mistenni għall-impenji tal-proposta tal-QFP għall-2021–2027.

Il-livelli ta' diżimpenn jvarjaw fost l-intestaturi minħabba li l-previżjoni tinbena b'kunsiderazzjoni tad-diżimpenji li diġà saru u tad-diżimpenji identifikati fiż-żmien tat-tħejjija tal-Abbozz ta' Baġit tal-2019. Fil-prinċipju, id-diżimpenji huma previsti għat-tul kollu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Minħabba li għal bosta programmi u azzjonijiet ma jeżistu l-ebda regoli ta' diżimpenn awtomatiku, it-tqassim annwali ta' diżimpenji jkun approssimattiv ħafna. Biex jiġi kkalkulat id-daqs tad-diżimpenji sal-2023 biss, id-diżimpenji tal-aħħar RAL tal-2018 ġew imqassma proporzjonalment għall-pagamenti annwali relatat. Diżimpenji potenzjali għall-impenji tal-2019 u l-2020 ser isiru l-aktar wara l-2023, f'konformità mal-kunsiderazzjoni ġenerali taċ-ċiklu ta' għeluq tal-programmi.

Il-previżjoni speċifika se ssir għall-fondi SIE għall-2014–2020 — hija tieħu kont tal-esperjenza mal-għeluq tal-programmi tal-2007–2013 kif ukoll taż-żmien mistenni għad-diżimpenn. Minħabba li s-sena attwali ta' diżimpenn tiddependi fuq id-dati tal-għeluq speċifiċi għal kull Stat Membru u minħabba regoli ta' diżimpenn n+3 li jinsabu fis-seħħ, x'aktarx li d-diżimpenji jkunu mifruxa fuq il-perjodu 2024–2026. Għalhekk, ma hemmx impatt fuq il-perjodu tal-previżjoni ta' dan ir-rapport.

### 2.1.4. L-evoluzzjoni tal-livell ta' impenji pendenti (RAL)

Ir-RAL fil-bidu tal-perjodu tar-rappurtar huwa mistenni li jkun madwar EUR 276 biljun u mistenni jilħaq EUR 295 biljun fi tmiem il-qafas finanzjarju attwali. Sa tmiem l-2023 huwa pproġettat li jkun madwar 314 biljun, li jirriżulta f'żieda ta' 14 % tal-valur nominali matul il-5 snin analizzati.

[6] COM(2018)631 final tat-12.09.2018 u COM(633) final tat-12.09.2018.

Madankollu, l-evoluzzjoni annwali tal-volum tar-RAL lanqas hija bħal ma jiżviluppa r-RAL fir-rigward tal-proporzjon ta' pagament annwali lil impenji annwali. Dan il-proporzjon huwa ta' 90 % għas-sena 2019 u jiżdied għal 99 % fl-2023. Il-pagamenti iqarrbu lejn l-impenji tal-2023 l-aktar minħabba l-kombinazzjoni tal-ewwel mira ta' diżimpenn awtomatiku għall-programmi l-ġodda taħt ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-mira ta' diżimpenn n+3 għall-aħħar parti tal-Fondi SIE 2għall-014–2020 u l-għeluq ta' dawn il-programmi. Bħala riżultat, iż-żieda tal-volum tar-RAL fl-2023 meta mqabbla mas-sena ta' qabel tkun limitata għal inqas minn 1 %.

### 2.2. Dħul

Il-baġit tal-UE huwa ffinanzjat bir-riżorsi proprji u bi dħul ieħor. L-ammont kumplessiv tar-riżorsi proprji meħtieġa għall-iffinanzjar tal-baġit huwa ddeterminat min-nefqa totali bit-tnaqqis ta' dħul ieħor. Għaldaqstant, il-previżjoni tad-dħul għall-baġit tal-UE għall-2023–2019 hija bbażata fuq il-prinċipju li n-nefqa għandha tkun daqs id-dħul; għalhekk, id-dħul totali għandu jkun daqs l-infiq totali.

## 3. SUPPOŻIZZJONIJIET TAL-PREVIŻJONI

### 3.1. Suppożizzjonijiet speċifiċi skont l-elementi prinċipali ta' nfiq

#### 3.1.1. Il-fondi SIE 2014–2020 u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027

Il-previżjoni ta' pagamenti għal fondi SIE għall-2014–2020 hija bbażata fuq l-esperjenza passata ta' pretensjonijiet ta' pagament interim sottomessi bħala perċentwali tal-pakkett totali. L-analiżi tal-prestazzjoni se ssir fl-2019 u l-impenji relatati mwarrba mill-2014 iwasslu biss għall-ewwel pagamenti fl-2020. Il-profili ta' pagament speċifiċi jintużaw għal kull wieħed mill-fondi. Ladarba jinkiseb ir-ritmu normali xorta waħda hija mistennija xi aċċellerazzjoni fl-implimentazzjoni tal-veloċità meta mqabbla mal-livelli attwali għall-aħħar sena tal-QFP 2014–2020.

Għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027, ġew ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (prefinanzjament, l-approvazzjoni, l-ebda riżerva ta' prestazzjoni). Il-profili tat-talbiet għal pagamenti interim kienu stmati fuq il-bażi ta' statistika dwar l-ammonti mitluba għal kull sena fil-programmi 2007–2013 b'regoli ta' diżimpenn n+2.

#### 3.1.2. Pagamenti diretti u miżuri tas-suq taħt il-Politika Agrikola Komuni

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, dawn fil-biċċa l-kbira mhumiex differenzjati u l-biċċa l-kbira tagħhom li huma relatati mal-pagamenti diretti lill-bdiewa normalment jingħataw lura lill-Istati Membri matul l-ewwel xhur tas-sena tal-baġit.

#### 3.1.3. Programmi u fondi oħra

Għall-partiti ta' nfiq kollha l-oħra (eż. ir-riċerka u l-innovazzjoni, proġetti tal-infrastruttura fuq skala kbira, il-politiki interni u esterni) il-previżjonijiet għall-pagamenti fuq l-impenji awtorizzati fil-qafas finanzjarju attwali huma bbażati fuq l-Abbozz tal-Baġit 2019 u fuq l-iskedi ta' pagamenti

li jakkumpanjawh minn linji baġitarji individwali (kif ippreżentata fid-dokument ta' Ħidma Parti XII[7]).

Għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ta' nfiq, il-ħtiġijiet ta' pagament annwali ġew ikkalkulati bl-użu ta' *data* tal-istatistika għall-implimentazzjoni reali matul l-aħħar 10 snin (mill-2007 sal-2017) tal-programmi attwali korrispondenti tagħhom u l-legat relatat tagħhom għall-2007–2013. Għal programmi b'ebda legat, l-istima tal-pagament hija stabbilita fuq l-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' tip simili tal-attivitajiet aġġustat għal elementi speċifiċi tal-programm il-ġdid.

#### 3.1.4. Amministrazzjoni

Nefqa amministrattiva (2014–2020 Intestatura 5, 2021–2027 Intestatura 7) hija bbażata fuq approprjazzjonijiet mhux differenzjati; l-ammonti għal impenji kif ippreżentat fl-Abbozz ta' Baġit 2019, l-ipprogrammar finanzjarju tal-2020 u limiti massimi ta' nfiq proposti għall-Intestatura 7 fl-2023–2021 huma mibdula kompletament f'pagamenti.

L-istess japplika għas-sussidju tal-aġenziji deċentralizzati, iffinanzjat barra l-intestatura amministrattiva.

### 3.2. Is-suppożizzjonijiet għall-previżjoni tad-dħul

#### 3.2.1. Riżorsi proprji tradizzjonali u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali

Mill-2018, ir-riżorsi proprji tradizzjonali jinkludu biss id-dazji doganali minħabba li ntemm il-ġbir tal-imposta fuq il-produzzjoni taz-zokkor fl-2017. Billi jibdew mil-livell inklużi fl-Abbozz tal-Baġit 2019, id-dazji doganali huma previsti li jiżdiedu matul il-perjodu 2020–2023 bl-istess rata tal-ING nominali ta' kull Stat Membru.

Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali (fil-forma ta' riżorsi proprji bbażati fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross, riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u riżorsi proprji ġodda inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021–2027) jimlew il-vojt biex jibbilanċjaw id-dħul u n-nefqa mbassra.

#### 3.2.2. Dħul ieħor

Il-biċċa l-kbira tal-komponenti "dħul ieħor" — inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-persunal, id-dħul akkumulat mill-operat amministrattiv tal-istituzzjonijiet, il-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet marbuta mal-ftehimiet u programmi tal-Unjoni, imgħax fuq arretrati u multi, dħul minn operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self tal-UE, u dħul ieħor, kif ukoll bilanċi pożittivi mis-snin ta' qabel huma diffiċli biex jitbassru, minħabba l-volatilità inerenti tagħhom. Għalhekk, l-ammont ibbaġitjat għal dħul ieħor fl-Abbozz tal-Baġit 2019 huwa maħsub li jibqa' nominalment kostanti matul il-perjodu 2020–2023.

## 4. Konklużjonijiet

Din il-previżjoni turi li l-limiti massimi tal-pagamenti fl-2020–2019 kif ukoll fil-proposta dwar l-QFM għas-snin 2021–2023 huma min naħa kompatibbli mal-ħtiġijiet mistennija ta' pagament

[7] COM(2018)600 — Mejju 2018.

għall-programmi tal-2014–2020 u min-naħa l-oħra mal-introduzzjoni gradwali tal-programmi ta' nfiq 2021–2027.

L-ixprun prinċipali li jinfluwenza l-previżjoni tal-pagamenti tal-baġit huwa r-ritmu tal-implimentazzjoni tal-fondi SIE 2014–2020. Anki jekk l-implimentazzjoni mistennija tilħaq livell ta' ritmu normali fl-2020, id-dewmien akkumulat mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali għandu impatt fuq il-livell tal-impenji pendenti (l-hekk imsejħa *reste à liquider* jew RAL) fil-bidu tal-perjodu l-ġdid.

Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' Fond ESI fl-2020–2019 se tkompli tiġi sorveljata bir-reqqa peress li kwalunkwe dewmien ulterjuri jista' jżid il-ħtiġijiet ta' pagament wara l-2020, biex jiġu koperti fi ħdan il-limiti massimi proposti għal pagamenti, li jkollhom ikopru wkoll il-ħtiġijiet ta' pagamenti tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi ta' nfiq fil-bidu tal-qafas finanzjarju li jmiss.

**Anness 1**

**Tabella 1— Previżjoni fit-tul ta' flussi futuri ta' dħul u ta' ħruġ mill-baġit tal-UE matul l-2019–2023**

| *f'biljuni ta' EUR, prezzijiet kurrenti* | **QFP 2014–2020 (UE28)** | | **Il-proposta COM tal-QFP 2021–2027 (UE27)** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **AB 2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** |
| **FLUSSI TA' ĦRUĠ** | | | | | |
| *Limitu massimu ta' impenn* | *164,1* | *168,8* | *166,7* | *173,7* | *179,4* |
| *Limitu massimu ta' pagament* | *166,7* | *172,2* | *159,4* | *164,0* | *177,3* |
| **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | 164,9 | 167,8 | 166,7 | 173,7 | 179,4 |
| **Approprjazzjonijiet ta' pagament** | 148,1 | 160,1 | 159,4 | 164,0 | 177,3 |
| li minnhom impenji ta' qabel il-pagament tal-2021 | 148,1 | 160,1 | 88,1 | 76,6 | 56,0 |
| *1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi* | *20,5* | *23,0* | *13,9* | *9,0* | *6,4* |
| *1b. Koeżjoni ekonomika soċjali u territorjali* | *47,0* | *52,1* | *48,5* | *47,8* | *36,7* |
| *2. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali* | *57,6* | *59,6* | *15,2* | *11,8* | *7,3* |
| *3. Sigurtà u ċittadinanza* | *3,5* | *4,1* | *1,7* | *0,7* | *0,2* |
| *4. Ewropa Globali* | *9,5* | *11,0* | *8,9* | *7,3* | *5,4* |
| *5. Amministrazzjoni* | *10,0* | *10,3* | *0,0* | *0,0* | *0,0* |
| li minnhom pagamenti għall-impenji tal-2021–2023 * | | | 71,2 | 87,3 | 121,4 |
| *1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali* | | | *7,8* | *14,2* | *17,1* |
| *2. Koeżjoni u Valuri* | | | *5,2* | *6,8* | *31,1* |
| *3. Riżorsi Naturali u Ambjent* | | | *41,3* | *44,8* | *47,8* |
| *4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri* | | | *1,8* | *2,4* | *3,1* |
| *5. Sigurtà u d-Difiża* | | | *0,8* | *1,5* | *2,0* |
| *6. Viċinat u d-Dinja* | | | *3,3* | *6,2* | *8,6* |
| *7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea* | | | *11,0* | *11,4* | *11,8* |
| Strumenti speċjali oħra** | 0,4 | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* | *p.m.* |
| **L-approprjazzjonijiet ta' pagament totali inklużi l-istrumenti speċjali** | **148,5** | **160,1** | **159,4** | **164,0** | **177,3** |
| | | | | | |
| **INFLUSSI** | | | | | |
| Total ta' riżorsi proprji: | 146,6 | 158,2 | 157,5 | 162,1 | 175,4 |
| *li minnhom ammont nett ta' riżorsi proprji tradizzjonali* | 21,5 | 22,2 | 21,8 | 22,4 | 23,2 |
| *li minnhom kontribuzzjonijiet nazzjonali **** | 125,1 | 136,0 | 135,7 | 139,6 | 152,3 |
| Dħul ieħor | 1,9 | 1,9 | 1,9 | 1,9 | 1,9 |
| **Nefqa totali** | **148,5** | **160,1** | **159,4** | **164,0** | **177,3** |

** Pagamenti għall-użu potenzjali ta' marġini u wkoll għall-Unjoni f'Emerġenza (li jikkorrispondi preżunt diżimpenji) żdiedu fit-totali għal kull intestatura, tentattivament distribwit b'mod proporzjonali skont il-marġni tal-intestaturi.*

*** Dawn l-ammonti jikkorrispondu għall-pagamenti previst fl-Abbozz ta' Baġit 2019 għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u tar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza. Minħabba n-natura speċifika tagħhom, l-użu ta' dawk l-istrumenti wara l-2019 ma jistax jitbassar..*

*L-approprjazzjonijiet għal dawk l-istrumenti huma kkunsidrati barra mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġini korrispondenti. Dan huwa wkoll il-każ għall-approprjazzjonijiet relatati mal-Istrument ta' Flessibbiltà.*

**** Kontribuzzjonijiet nazzjonali jinkludu r-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u riżorsi proprji ġodda inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021–2027. Kwalunkwe kontribuzzjoni tar-Renju Unit għal obbligi pendenti fi tmiem l-2020 se jikkostitwixxu dħul ieħor u b'hekk inaqqsu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali, kif xieraq.*

**Tabella 2 — Previżjoni ta' diżimpenji matul l-2019–2023**

*f'biljun ta' EUR, prezzijiet kurrenti*

| Diżimpenji* | Fuq impenji ta' qabel l-2014 | Fuq impenji tal-2014-2020. | TOTAL 2018 - 2023 |
|---|---|---|---|
| | *(a)* | *(b)* | *(a+b)* |
| 1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | -1,0 | -1,0 | -1,9 |
| 1b. Koeżjoni ekonomika soċjali u territorjali | -0,1 | -0,2 | -0,3 |
| 2. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali | -0,4 | -0,1 | -0,5 |
| 3. Sigurtà u ċittadinanza | -0,2 | -2,1 | -2,3 |
| 4. Ewropa Globali | -0,4 | -0,9 | -1,3 |
| 5. Amministrazzjoni | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| **TOTAL** | **-2,1** | **-4,3** | **-6,4** |

** Ma huwa mistenni l-ebda diżimpenn b'rabta mal-impenji proposti għall-qafas finanzjarju tal-2021–2027*

**Tabella 3— Bidla totali tal-impenji pendenti mill-2019 sal-2023**

*f'biljun ta' EUR, prezzijiet kurrenti*

| RAL fi tmiem l-2018 * | Impenji 2018–2023 | Pagamenti 2018-2023 | Diżimpenji** | RAL fi tmiem l-2023 |
|---|---|---|---|---|
| *(a)* | *(b)* | *(ċ)* | *(D)* | *(a+b-c-d)* |
| 276,3 | 852,6 | 809,0 | -6,0 | 313,8 |

*Li minnhom:*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **QFP tal-2014 sal-2020** 276,3 | 332,8 | 529,1 | Diżimpenji u l-ammont totali mħallas minn sorsi oħra ta' fondi -7,9 | 72,1 |
| **QFP tal-2021 sal-2027** mhux applikabbli | 519,8 | 279,9 | Diżimpenji, sussegwentement użati mill-ġdid 1,9 | 241,8 |

** Ir-riżerva għall-prestazzjoni mwarrba matul l-2014–2018 hija inkluża fl-impenji pendenti, iżda l-ebda pagament ma huwa previst kontra dawk l-impenji qabel l-2020*
*** Dan huwa r-riżultat nett ta' diżimpenji mistenni sal-2020 (li jnaqqsu r-RAL) u d-diżimpenji wara l-2020 (li permezz tal-Mekkaniżmu ta' Riżerva tal-Unjoni jistgħu jwasslu għal impenji ġodda); iċ-ċifra tinkludi wkoll l-ammonti li għandhom jiġu koperti minn sorsi oħra ta' fondi (jiġifieri irkupri)*